MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 49/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Scerri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Mark Scerri, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 178977(M) talli:

(1) nhar-it 8 ta' Ottubru 2010, minn ġewwa 'Swan Laundry', fi Triq ta' l-Ibraġġ, Ibraġġ, Swieqi, għall-ħabta ta' 15:00 hrs, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, li taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, billi bil-ħsieb li jikkommetti serq għad-dannu ta' Rosaria Sammut, mis-Swieqi, u/jew persuni oħra, ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa w tletin

ċenteżmu (€2, 329.37), liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur u liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

(2) ikkommetta delitt fil-perijodu operattiv tal-*probation order*, imposta fuqu mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta ma' l-imsemmi Mark Scerri bħala reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni ta' l-istess Mark Scerri, sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal sena priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Mark Scerri pprezentat fil-31 ta' Jannar 2012 fejn talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull piena, alternattivament tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonferma s-sentenza fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tvarja l-piena nflitta għal waħda aktar miti fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* Marietta Lanzon, ta' Joseph Scerri (missier l-appellant) u ta' Carmen Borg; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"(1) Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent jikkonsisti filli l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tqis l-ammissjoni tal-imputat fil-

konfront tal-atti minnu ammessi billi l-ammissjoni tal-imputat hija waħda msejsa fuq il-fatti li seħħew mhux fuq id-distinzjonijiet li l-liġi tagħmel f'dawk li huma akkużi u aggravji relattivi kif postulati fl-akkuża. Illi ghalkemm l-imputat irreġistra ammissjoni għal attentat ta' serq, kif postulat fl-akkuża, huwa paċifiku fil-korp ġuridiku tagħna li hemm diversi tipi ta' attentati ta' twettieq ta' reati, li għalkemm iseħħu fiżikament jirrendu lill-persuna soġġetta għal varjeta` ta' pieni kif ukoll f'ċerti istanzi ghal nuqqas totali ta' piena.

"Illi għalkemm hemm ammissjoni dwar l-atti preparatorji u anke l-*mens rea* tal-imputat fil-ħin u mument skond l-akkuża, hemm nieqes element essenzjali, u ċioe` jekk fin-nuqqas tad-disturb li ġarrab fil-pjan tiegħu, kienx effettivament fil-possibilita` li jwettaq dak il-ħsieb u l-atti preparatorju kinux u setgħux jiffjorixxu fit-twettieq u konsumazzjoni tar-reat addebitat. Jekk jirriżulta li għalkemm kien hemm l-attentat, dan l-attentat kien tant fjakk fil-possibilita` li jirnexxi, allura hemm dik l-hekk magħrufa impossibilita` li jitwettaq ir-reat, u fil-kamp ġuridiku tagħna tali mpossibilita` teħles lill-imputat mill-piena relatata mat-tentattiv.

"(2) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, it-tieni aggravju jikkonsisti filli l-piena ġiet ibbażata fuq artikoli żbaljati tal-liġi, u għalhekk l-artikoli ċitati fis-sentenza huma skorretti. Dan qed jingħad billi jirriżulta mill-provi tal-proċess, u anke mill-istess akkuża u sentenza li l-allegat post fejn seħħ l-allegat attentat ta' serq mhux wieħed minn dawk il-postijiet imsemmija fl-artikolu 269 billi huwa ħanut u għaldaqstant l-artikolu 261(e) u l-artikolu 269(g) mhux applikabbli, kif lanqas għalhekk ma huwa applikabbli l-artikolu 278(3);

"(3) Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju ghall-aggravji preċedenti, it-tielet aggravju jikkonsisti filli l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija waħda eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u dan qed jingħad prinċipalment għall-ammissjoni bikrija magħmula mill-imputat u magħduda flimkien mal-ko-operazzjoni tiegħu mal-Pulizija, kif ukoll billi l-ħsara *in criminalibus*

kommessa mir-rikorrent hija waħda minima tant li lanqas hemm akkuża tal-ħsarat fiżiċi konnessi mal-allegat attentat ta' serq.

"Illi di piu` hemm ċirkostanzi wkoll li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u jimmilitaw favur l-appellant fis-sens illi aktar milli jingħata piena karċerarja, ikun aktar utli jekk l-appellant jingħata l-opportunita` li jiġi segwit u assistit biex jindirizza l-problema tad-droga li huwa għandu.

"Illi l-esponent qiegħed jikkonsulta ma' *Probation Officer* Marietta Lanzon kif ukoll ma' aġenziji biex huwa jindirizza din il-problema li għamel tentattivi biex joħroġ minnha iżda jeħtieġ aktar għajnuna."

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju, din il-Qorti tirreferi għall-verbal li sar quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011 mnejn jirriżulta illi l-appellant irreġistra ammissjoni, liema ammissjoni kienet waħda inkondizzjonata. Il-parti relattiva tal-verbal tgħid hekk: **"Deher l-imputat assistit minn Dr. Mark Busuttil illi f'dan l-istadju qiegħed jirreġistra ammissjoni, liema ammissjoni ġiet konfermata mill-imputat wara ż-żmien mogħti skond il-liġi"**. Imbagħad fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2011 quddiem l-Ewwel Qorti, wara r-rinviju għall-ġudizzju mill-Avukat Ġenerali, l-appellant ikkonferma mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu. Ġaladarba l-ammissjoni ta' l-appellant kienet waħda inkondizzjonata, ma jistax issa jippretendi illi din il-Qorti tindaga jekk jeżistix ir-reat jew le. Fi kwalunkwe każ lanqas m'għandu raġun l-appellant jgħid illi "hemm diversi tipi ta' attentati ta' twettieq ta' reati". Il-liġi tipprovdi għal żewġ sitwazzjonijiet: fejn id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati (a tenur ta' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali) u fejn id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt (a tenur ta' l-artikolu 41(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali). L-appellant, kemm fiċ-ċitazzjoni oriġinali kif ukoll fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, ġie akkużat taħt l-ewwel forma ta' tentattiv bi ksur ta' l-artikolu 41(1)(a), u huwa għal dak il-ksur illi huwa ammetta. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**7.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni illi l-piena hi bażata fuq artikoli żbaljati tal-liġi u li mhumiex applikabbli l-artikoli 261(e), 269(g) u 278(3) tal-Kodiċi Kriminali. Issa, apparti illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kif ġie akkużat, xorta m'għandux raġun fis-sottomissjoni tiegħu peress illi mill-provi jirriżulta illi l-hanut *de quo* jinfed mar-residenza tal-vittma. L-artikolu 269(g) jgħid illi huwa kkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir "(*g*) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha" (sottolinear ta' din il-Qorti). Kwantu għall-artikolu 278(3), dan l-artikolu mhuwiex applikabbli peress illi japplikaw invece l-artikoli 279(b) u 280(2). Għalhekk anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**8.** Kwantu għall-piena, jingħad l-ewwelnett illi hawn si trattava ta' ammissjoni u, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**9.** Il-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni, kif osservat fil-paragrafu numru sebgħa (7) *supra*, hi dik kontemplata fl-artikoli 279(b) u 280(2), fil-każ ta' dan l-aħħar artikolu b'referenza għall-*proviso* ta' l-imsemmi subartikolu (2). Il-piena għalhekk hi ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin miżjuda bi grad. Peress illi si trattava ta' tentattiv skond l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena tinżel bi grad jew tnejn. Jiġifieri l-parametri tal-piena huma minn minimu ta' disa' xhur sa massimu ta' seba' snin.

**10.** L-appellant, pero`, instab ħati wkoll illi kkommetta r-reat in kwistjoni waqt li kien taħt ordni ta' *probation*. Effettivament b'sentenza tad-29 ta' April 2010 l-appellant tqiegħed taħt tali ordni għal perijodu ta' tliet snin. Issa, b'dik is-sentenza nstab ħati talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta: (1) fid-9 ta' Ġunju 2003 ghall-ħabta ta' 1.30 p.m. f'San Ġwann ikkommetta serq ta' flus kontanti kif ukoll diversi 'mobile phones' li l-valur tagħhom jeċċedu l-valur ta' Lm100 iżda anqas minn Lm1000 minn ġewwa ħanut bl-isem 'Vision Centre' sitwat f'San Ġwann, għad-dannu ta' John Bonnici, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur; (2) nhar l-4 ta' Lulju, 2003 għall-ħabta tat-3.00 p.m. fil-Qawra kkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur huwa ta' aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1000 minn ġewwa Bel Sol Hotel, li hija sitwata fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, limiti tal-Qawra u dan għad-dannu ta' Lewis Valletta u/jew terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur; (3) fl-istess ċirkostanzi, ħinijiet, u lokazzjonijiet differenti kkaġuna ħsara volontarja jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara tiskorri l-valur ta' Lm50 iżda anqas minn Lm500 u dan għad-dannu tas-sidien rispettivi tagħhom. Għal dawn ir-reati l-piena hi ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin li tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-każ odjern l-appellant instab ħati wkoll ta' l-addebitu ta' reċidiva skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

**11.** L-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà personali, tiġi kkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien, b'dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorrix ħamsa u tletin sena. Fil-każ in eżami l-piena minima li setgħet tiġi nflitta hija ta' tlettax-il xahar dwar ir-reati li dwarhom kienet ingħatat is-sentenza tad-29 ta' April 2010 u magħdud ma' dak il-perijodu terz ta' disa' xhur dwar ir-reat li ta lok għall-

proċeduri odjerni, total ta' sittax-il xahar. Jiġifieri l-piena nflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti hija taħt il-minimu.

**12.** Din il-Qorti osservat ukoll illi mill-fedina penali ta' l-appellant jirriżulta, almenu *prima facie*, illi l-appellant diga` tqiegħed taħt *probation* seba' darbiet, ingħata *conditional discharge* tliet darbiet, u sentenza sospiża ta' priġunerija darbtejn. Jiġifieri ngħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu. Inoltre ġie kkundannat għall-ħlas ta' diversi multi u anke għal żewġ sentenzi effettivi ta' priġunerija.

**13.** Jirriżulta mill-provi li semgħet din il-Qorti illi l-appellant preżentament qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija, li l-fatt li jinsab taħt ambjament ikkontrollat kien ta' benefiċċju għalih, li mhuwiex jabbuża mid-droga u li meta joħroġ mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin jista' jmur jaħdem fil-garaxx ta' missieru bħala *sprayer*. Jirriżulta iżda li jeħtieġ superviżjoni, għajnuna psikjatrika u anke xi forma ta' programm minħabba l-problema ta' abbuż tad-droga.

**14.** Din il-Qorti tapprezza illi jidher illi l-appellant għamel diversi sforzi biex jegħleb il-problema ta' droga u li anke segwa xi programmi, iżda qatt ma ħeles b'mod konsistenti minn dak il-vizzju u milli jikkommetti reati oħra. Għalhekk m'hemmx dubju li għandu bżonn ta' aktar għajnuna f'dar-rigward. Pero`, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li "meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt *probation*, b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' *probation* u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)". Dan ifisser illi l-liġi stess ma tippermettix lill-Qorti terga' tqiegħed lill-appellant taħt *probation* fil-każ odjern. Inoltre, in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hi prekluża wkoll milli tagħti sentenza sospiża ta' priġunerija. Konsegwentement is-sentenza appellata jkollha tiġi kkonfermata.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, iżda tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għall-ħtieġa li għandu l-appellant li jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni u li jingħata l-għajnuna psikjatrika u/jew psikoloġika neċessarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------